StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 2009**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IS-SITT SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________________

## A: Immarka t-tweġiba t-tajba permezz ta' X:

1. Lil Alla ma narawhx f'din id-dinja

| | | |
|---|---|---|
| A | għax ġieli xi nies isemmuh għal xejn b'xejn. | |
| B | għax huwa spirtu u ma għandux ġisem bħal tagħna. | |
| Ċ | għaliex ma nitolbuhx biżżejjed. | |

2. Dak kollu li jeżisti

| | | |
|---|---|---|
| A | huwa sabiħ imma mimli inkwiet. | |
| B | insibuh fil-Bibbja. | |
| Ċ | ġie maħluq minn Alla. | |

3. Fost il-ħlejjaq kollha Alla jħobb l-iktar

| | | |
|---|---|---|
| A | lilna l-bnedmin. | |
| B | lill-annimali. | |
| Ċ | il-ħxejjex. | |

4. Aħna nsiru wlied Alla u nidħlu fil-familja tiegħu

| | | |
|---|---|---|
| A | kull meta nirċievu l-Ewkaristija. | |
| B | meta nirċievu l-Magħmudija. | |
| Ċ | meta nibdew immorru nqerru. | |

5. Fit-Testment il-Qadim, Alla għażel

| | | |
|---|---|---|
| A | lill-poplu Lhudi biex jurihom min Hu tassew. | |
| B | lill-Insara biex jimxu warajh. | |
| Ċ | lill-Ewropej biss biex iqimuh. | |

6. Il-qima li nagħtu lil Alla

| | | |
|---|---|---|
| A | ssir nhar ta' Ħadd biss. | |
| B | tista' ssir biss fil-knisja. | |
| Ċ | importanti li tkun ġejja mill-qalb. | |

7. "Inti Ibni l-għażiż, fik insib il-għaxqa tiegħi!" Alla l-Missier instema' jgħid dan

| | | |
|---|---|---|
| A | waqt li Ġesù kien fuq is-salib. | |
| B | meta Ġesù kien qiegħed jitwieled fl-għar ta' Betlem. | |
| Ċ | fil-mument li Ġesù kien qiegħed jitgħammed fix-xmara Ġordan. | |

8. Ġesù jagħti l-ikbar qima lil Alla

| | | |
|---|---|---|
| A | fil-festa tar-raħal. | |
| B | f'kull quddiesa. | |
| Ċ | fil-Milied biss. | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9. F'Għid il-Ħamsin niċċelebraw il-festa meta Ġesù bagħat l-Ispirtu s-Santu

| | | |
|---|---|---|
| A | fuq it-trabi kollha li twieldu. | |
| B | fuq il-qassisin u r-reliġjużi kollha. | |
| Ċ | fuq il-Knisja. | |

10. Il-kelma **Avvent** tfisser

| | | |
|---|---|---|
| A | il-miġja ta' Ġesù. | |
| B | ir-rebħa ta' Ġesù fuq il-mewt. | |
| Ċ | it-twissijiet ta' Ġesù lill-Appostli. | |

**(10 marki)**

**B: Aqra, aħseb fuq dan li ġej, imbagħad wieġeb**:



Meta Greta Muscat, tifla ta' ħdax-il sena, kellha proġett l-iskola dwar L-AMBJENT, ħuha Marco, li kellu tmien snin, tgħidx kemm għenha. Flimkien, Greta u Marco kienu jfittxu u jqasqsu stampi minn *magazines* qodma, imorru mixjiet fil-kampanja biex jieħdu ritratti ta' xenarju sabiħ u jfittxu fuq l-Internet. Marco ħass li meta ħadem fuq il-proġett ma' Greta, huwa tgħallem ħafna wkoll.



Nhar il-Ħadd li għadda, il-papà Toni ħa lil Greta u lil Marco dawra bil-karozza sal-Buskett. Fit-triq Greta kielet ċikkulata. Marco qal lil Greta: "Il-karta taċ-ċikkulata tħallihiex fil-karozza għax għadna kif naddafnieha jiena u l-papà l-bieraħ; armiha 'l barra mit-tieqa!"

Greta ħasset li ħuha Marco kien għadu kif qalilha biex tagħmel xi ħaġa ħażina.

## Wieġeb:

1. Semmi ħaġa waħda tajba li għamel Marco.

_____________________________________________________(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Għid għaliex mhux veru li Marco kien tgħallem ħafna meta ħadem ma' Gr
fuq il-proġett dwar l-Ambjent.

______________________________________________________________(2

3. Kieku kont flok Greta, kif kont tirrispondih lil Marco meta qallek biex tarmi
l-karta barra?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2)

4. Semmi mod kif nistgħu nibżgħu għall-ambjent li Alla ħalaq għalina u li tah
lilna biex nieħdu ħsiebu.

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2)

**(8 marki)**

## Ċ: Ikteb sentenza dwar kull wieħed minn dawn il-personaġġi Bibbliċi:

1. **ĠOB**: ______________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

2. **ĠWANNI L-BATTISTA**: ___________________________________________

______________________________________________________________ (2)

3. **ELIŻABETTA**: _______________________________________________

______________________________________________________________ (2)

4. **ŻAKKARIJA**: ________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

**(8 marki)**

## D: Aħdem bil-għajnuna tal-istampi:

(*aqta' sing taħt it-tajbin jew wieġeb billi timla l-vojt*)

1. Fl-istampa jidhru xi annimali flimkien ma' bniedem.

(a) Alla ħalaq l-annimali biex ikunu (ta' għajnuna,
ta' periklu, ta' tfixkil) għall-bniedem. (1)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(b) Il-bniedem għandu jittratta lill-annimali (bi ħruxija, bi frosta, b'rispett).

(ċ) Għaliex ngħidu li Alla ħalaq lill-bniedem **aqwa** mill-ħlejjaq l-oħra kollha?

______________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (2)

2. **IL-MAGĦMUDIJA** – X'insiru meta nieħdu l-Magħmudija? (Semmi TNEJN minnhom).



a)____________________________________________________

______________________________________________________

b)____________________________________________________

_______________________________________ (2)

3. **IL-QIMA LIL ALLA** - Fir-ritratt jidher it-tempju sabiħ ta' Ħaġar Qim. It-tempji ta' Żmien il-Ħaġar li għandna fil-Gżejjer Maltin juruna li l-bniedem minn dejjem kien iħoss li għandu jagħti qima lil xi alla. Fl-antik il-Maltin kienu jagħtu qima lill-Mara l-Ħoxna magħrufa bħala l-Alla tal-Fertilità. F'Ħaġar Qim instabu seba' statwi ta' din l-alla mara. Dan kien il-mod kif fl-antik il-Maltin kienu jfaħħru lill-allat tagħhom u jgħidulhom "Grazzi!"



Illum kif nistgħu nagħtu qima lil Alla veru?

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

_________________________________________________________________ (4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. **IL-QIMA LILL-MADONNA U LILL-QADDISIN**:



aħna kif nistgħu nagħtu qima:

(a) lill-Madonna? ______________________________ (1)

(b) lill-qaddisin? _______________________________ (1)

(ċ) Il-Madonna u l-qaddisin kif jistgħu jgħinuna?

______________________________________________

______________________________________________

_______________________________________________________________(2)



5. **STATWA F'KANTUNIERA TA' DAR**: Din l-istatwa tfakkarna fil-qaddisin li hemm fis-sema. L-istatwa hija simbolu Nisrani. Semmi ŻEWĠ AFFARIJIET oħra li jistgħu jfakkruna fil-Madonna u l-qaddisin meta narawhom:

(a)_______________________________________________ (2)

(b)_______________________________________________ (2)

6. Fl-AVVENT niftakru fil-miġjiet ta' Ġesù fostna. Semmi **TNEJN** minn dawn il-miġjiet:



(a)________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

(b)________________________________________

__________________________________________

_________________________________________ (4)

(22 marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E: Matul is-sena, aħna nfakkru l-ġrajjiet li għadda minnhom Ġesù. Aqra sew is-sentenzi li ġejjin:**

1. Inħejju ruħna għat-twelid ta' Ġesù f'qalbna
2. Jagħlaq bil-festa ta' Għid il-Ħamsin
3. Jibda minn erbat Iħdud qabel il-Milied
4. Żmien ta' 40 jum li fihom nitolbu u nuru ndiema minn dnubietna
5. Nitħejjew għall-festa ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt
6. Niċċelebraw ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt
7. Nifirħu għax Ġesù sar tarbija bħalna
8. Niċċelebraw il-festa tal-Epifanija
9. **Il-festa tal-qaddisin kollha**
10. **Il-festa ta' Kristu Re**

**Issa imla l-kaxxi li ġejjin bin-numri, skont iż-żmien. Ara l-eżempju:**

| **Żmien matul is-sena** | **9** | **10** |
|---|---|---|
| **Żmien l-Avvent** | | |
| **Żmien il-Milied** | | |
| **Żmien ir-Randan** | | |
| **Żmien il-Għid** | | |

**Wieġeb**:

1. Ikteb l-isem tal-ikbar festa tal-Knisja: ______________________________ (2)
2. Semmi żmien meta s-saċerdot iqaddes bil-kulur vjola: ___________________ (1)
3. Semmi żmien meta s-saċerdot iqaddes bil-kulur abjad: __________________ (1)

**(12-il marka)**

**F: Fil-kaxxi taħt l-istampi ikteb L-GĦID IL-KBIR jew IL-MILIED**:





| | |
|---|---|
| | |

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ġ: Il-Maġi**: Immarka t-tajbin billi taqta' sinjal.

1. Il-Maġi ġew (mil-Lvant, minn Ruma, mill-Eġittu).
2. Permezz ta' (mappa, kewkba, tromba) huma sabu l-post fejn twieled Ġesù. (1)
3. Il-festa ta' meta l-Maġi sabu lil Ġesù tissejjaħ il-festa (ta' Għid il-Ħamsin, tal-Epifanija, tal-Irxoxt). (1)
4. Fis-sagrament (taż-Żwieġ, tal-Griżma tal-Isqof, tal-Qrar) l-Ispirtu s-Santu jagħtina l-qawwa biex inkunu xhieda ta' Ġesù u nwassluh lill-bnedmin kollha. (1)

**Wieġeb:**

5. X'għamlu l-Maġi meta sabu lil Ġesù?

_______________________________________________________________ (2)

6. Kif tista' int ixxandar lil Ġesù fost sħabek tal-klassi?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

(8 marki)

**G: Qabbel dawn il-festi mad-dati billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta**:
(*L-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju*)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | 19 ta' Marzu | It-twelid tal-Madonna (il-Bambina) | |
| 2 | 1 ta' Novembru | San Ġużepp | **1** |
| 3 | 10 ta' Frar | San Ġużepp Ħaddiem | |
| 4 | 8 ta' Settembru | Il-festa tat-Twelid ta' Ġesù | |
| 5 | 15 ta' Awwissu | Il-Qaddisin Kollha | |
| 6 | 25 ta' Diċembru | It-tlugħ fis-Sema tal-Madonna (Santa Marija) | |
| 7 | 1 ta' Mejju | It-tnissil bla Tebgħa ta' Marija (Il-Kunċizzjoni) | |
| 8 | 8 ta' Diċembru | Il-festa ta' San Pietru u San Pawl (L-Imnarja) | |
| 9 | 29 ta' Ġunju | In-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta | |

(8 marki)

Agħżel waħda mill-festi msemmija f'taħriġ G u ikteb fil-qosor dwar xi tfisser din il-festa għalina:

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (5 marki)

(13-il marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**GĦ: San Pawl** - Aqra dan li ġej. Imbagħad wieġeb:



Fl-istampa qed tara post magħruf bħala **Għajn Rażul**. Il-kelma Rażul tfisser '**Appostlu**'. Dan il-post jinsab ġewwa San Pawl il-Baħar. Huwa wieħed mill-postijiet li jfakkruna fil-miġja ta' San Pawl fil-Gżejjer Maltin.

**Wieġeb**:

1. Fejn insibu r-rakkont tal-miġja ta' San Pawl f'Malta?
   ________________________________________ (1)

2. (*Immarka t-tajba*) Aħna niċċelebraw il-festa tat-twelid tal-Knisja f'Malta għax dakinhar:
   - infakkru t-twelid ta' San Pawl __________
   - Malta saret Repubblika __________
   - San Pawl beda jħabbar il-Kelma t'Alla f'pajjiżna __________ (1)

3. Fejn kien sejjer San Pawl meta l-ġifen tiegħu tfarrak mal-blat qrib Malta?
   ____________________________________________________ (1)

4. Qabel telaq lil min ħalla biex imexxi l-Knisja ta' Kristu f'Malta?
   ____________________________________________________ (1)

5. Il-Maltin kif ippruvaw jgħinu lil Pawlu u lil dawk li ħelsuha mill-għarqa?
   ____________________________________________________ (1)

6. Matul dis-sena , jiġifieri minn Ġunju 2008 sa Ġunju 2009, il-Knisja Kattolika qed tiċċelebra s-**SENA PAWLINA**, jew sena iddedikata lil San Pawl. Għid kif int tista', bħala Nisrani Malti, tagħmel xi ħaġa speċjali għas-Sena Pawlina.
   ____________________________________________________
   ____________________________________________________
   ____________________________________________________(2)

(7 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**H: Aqra Kolonna A.**

**Wara kull każ, f'kolonna B ikteb il-kmandament li jgħinek tagħraf x'għandek tagħmel int bħala Nisrani.**

***L-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju.***

| | Kolonna A | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1 | **Eż**: *Ġużi jiddejjaq ħafna meta ommu tibagħtu jaqdiha mingħand tal-merċa. Ġużi ġieli anke jkellimha iebes lil ommu minħabba dan.* | Irrispetta lill-ġenituri |
| 2 | Peppi ra bajro sabiħa fuq il-bank ta' Mario u x'ħin Mario mar sat-tojlit, ħadhielu. | |
| 3 | Marija ma riditx tisma' quddiesa la s-Sibt filgħaxija u lanqas il-Ħadd li għadda. | |
| 4 | Ċettina moħħha biex issemmi lill-Madonna u lil Alla għal xejn b'xejn meta tkun irrabbjata. | |
| 5 | Minħabba l-gideb ta' Ġorġ, oħtu Marija qalgħet kastig mingħand ommha. | |
| 6 | Toni u Simon sabu ġuvni refuġjat f'Malta u tawh xebgħa kbira; huma razzisti u jobogħdu lil dawk li għandhom ġilda skura. | |

**(10 marki)**

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers